**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 582/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma, Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Mark Pace**
**(ID 87770M)**

**Illum, 27 ta' April 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' l-imputat **Mark Pace** ta' 43 sena, iben Anthony u Giovanna nee` Azzopardi, imwieled Pieta` nhar il-21 ta' Diċembru 1969 u residenti 30, Triq il-Mitħna, Qormi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 87770(M);

Akkużat talli nhar il-21 ta' Novembru 2013 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, ġewwa dawn il-Gżejjer speċifikatament fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, Raħal Ġdid:

a) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* kollha jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu

8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta mal-imputat talli sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali.

In oltre il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tordna lill-imputat sabiex iħallas lir-Reġistratur l-ispejjeż kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[2];

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[3];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għal dan il-każ u li mhumiex ikkontestati huma s-segwenti:

---

[1] Ara a fol. 17 tal-proċess.
[2] Ara a fol.14 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 75 tal-proċess.

Nhar il-21 ta' Novembru 2013, l-uffiċjali tal-ħabs **CO 143 Noel Buttigieg**, **CO 180 Mario Ellul, CO 177 Matthew Cilia** u **CO 1 Christopher Azzopardi** għamlu spezzjoni ta' rutina ġewwa ċ-ċella bin-numru 205 f'diviżjoni 5, okkupata mill-imputat odjern, għall-ħabta tas-12.45 p.m., waqt liema spezzjoni nstabet borża taċ-ċikkulata *Maltesers* li kien fiha ħames blokki tar-raża tal-*cannabis,* liema borża kienet ġewwa basket fl-istess ċella u li fih, skont CO 143, il-priġunier kien iżomm l-affarijiet tiegħu.[4] Bil-każ odjern, ġiet infurmata l-Maġistrat Inkwirenti Dr. Charmaine Galea, li ħatret l-esperti sabiex jassistuha f'din l-inkjesta.[5] Is-sustanzi elevati, il-borża taċ-ċikkulata li fiha instabu dawn is-sustanzi, il-basket li fih instabet il-borża taċ-ċikkulata u ċ-ċella tal-imputat jidhru lkoll fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 36 Sergio Azzopardi, li kien ġie maħtur bħala *Scene of Crime Officer*.[6]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur fil-mori tal-inkjesta li saret dwar il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata żewġ dokumenti għall-analiżi tiegħu u ċioe` is-segwenti:

*Envelope* ta' lewn kannella mmarkat DOK 13 DDF 201, li kien fih *evidence bag* bin-numru S00512948 kontenenti ħames sustanzi ta' lewn kannella (kodiċi tal-laboratorju – 040_14_01);

*Envelope* ta' lewn kannella mmarkat DOK 13 DDF 202 li kien fih *evidence bag* bin-numru S00512956 kontenenti pakkett *Maltesers* miftuħ (kodiċi tal-laboratorju – 040_14_02).[7]

L-istess espert ikkonkluda hekk dwar id-dokumenti minnu analizzati:

> "(a) Illi fuq estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 040_14_01 instabet is-sustanza <u>*Tetrahydrocannabinol*</u> sustanza li tiġi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piż total tas-sustanzi kien ta' <u>11.89 grammi</u> u l-purita` kienet ta' ċirka 7.0%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."

---

[4] Ara x-xhieda ta' CO 143 Noel Buttigieg, a fol. 31 sa 33 tal-proċess; ix-xhieda ta' CO 180 Mario Ellul, a fol. 34 u 35 tal-proċess; u x-xhieda ta' CO 177 Matthew Cilia, a fol. 36 sa 38 tal-proċess. Ara wkoll ir-rapport ta' PS 285 Geoffrey Cutajar, a fol. 23 u 24 tal-proċess u x-xhieda tal-istess PS 285 a fol. 29 u 30 tal-proċess.
[5] Ara l-proċess verbal esebit a fol. 78 *et seq* tal-proċess.
[6] Ara din ir-relazzjoni, a fol. 108 *et seq* tal-proċess.
[7] Ara r-relazzjoni ta' **PC 650 Justin Tabone** maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti bħala *Scene of Crime Officer*, li fiha huwa jispjega kif eleva dawn id-dokumenti u għaddihom lix-Xjenzat għall-analizi tiegħu, a fol.63 *et seq* tal-proċess.

Illi mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi l-piż rispettiv tas-sustanzi msemmija kienu s-segwenti: 1.68 grammi, 2.80 grammi, 1.86 grammi, 4.33 grammi u 1.22 grammi.[8]
Illi mix-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut f'dawn il-proċeduri jirriżulta illi normalment *joint* bħala medja jkun fih 0.2 grammi tar-raża jew ħaxixa tal-*cannabis*. L-istess xhud jgħid ukoll illi l-purita` tar-raża f'dan il-każ kienet waħda normali. Jgħid in oltre illi l-ammont ta' droga li jista' jiġi kkunsmat jiddependi dejjem mill-persuna li tkun qed tagħmel użu mid-droga.[9]

Mix-xhieda tal-**Ispettur Spiridione Zammit** jirriżulta wkoll illi fl-istess jum li fih instabet is-sustanza msemmija fiċ-ċella tal-imputat odjern, kienu qed isiru wkoll investigazzjonijiet fil-konfront ta' priġunier ieħor, ċertu Stephen Abdilla (ID 457270(M)), li kien instab fil-kumpanija tal-imputat meta l-gwardjani tal-ħabs daħlu fl-istess ċella u illi skont ix-xhud, dan rema xi ħaġa minn ħalqu. Ix-xhud jgħid ukoll illi dak li ntrema kien ġie elevat u illi l-investigazzjonijiet kienu għadhom għaddejjin f'dan ir-rigward. Il-Qorti tinnota madankollu illi ħadd mill-gwardjani tal-ħabs preżenti waqt it-tfittxija ġewwa ċ-ċella tal-imputat ma xehed dwar il-fatt li fiċ-ċella kien hemm priġunier ieħor, Stephen Abdilla, u dwar dak li rriżulta fil-konfront tiegħu. L-istess Spettur Zammit jixhed ukoll illi huwa kien interroga lill-imputat odjern, li rrilaxxja stqarrija dakinhar stess, liema stqarrija ġiet esebita u mmarkata bħala Dok. SZ 2. Huwa għaraf il-firma tiegħu fuq din l-istqarrija, dik tal-imputat u ta' PC 988 li kien preżenti waqt l-istess stqarrija.[10] Ix-xhud esebixxa wkoll id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali tal-istess imputat, mil-liema jirriżulta illi huwa rrifjuta li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu.[11]

## Ikkunsidrat ukoll:

Illi minkejja li fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2018, l-Avukat Dr. Amadeus Cachia għall-imputat talab illi din il-Qorti tiskarta l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar il-21 ta' Novembru 2013 stante illi waqt l-interrogatorju tiegħu l-istess imputat ma kienx assistit minn avukat, u dan b'referenza għall-ġurisprudenza indikata mill-istess avukat difensur fil-verbal tal-istess seduta, għal-liema talba l-Prosekuzzjoni oġġezzjonat stante illi l-imputat ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, sussegwentement fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2019, l-Avukat Dr. Franco Debono għall-imputat iddikjara illi l-istess imputat mhuwiex jikkontesta

---

[8] Ara r-relazzjoni tax-Xjenzat Sammut, a fol. 43 *et seq* tal-proċess.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 40 sa 42 tal-proċess.
[10] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 25 sa 27 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' **PC 988 Pawlu Grech**, li kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u tad-dikjarazzjoni tiegħu li permezz tagħha l-imputat irrifjuta l-jedd għall-parir legali (a fol. 56 u 57 tal-proċess).
[11] Ara Dok. SZ 3, a fol. 28 tal-proċess. Ara x-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit, a fol. 19 sa 21 tal-proċess.

l-validita` tal-istess stqarrija u talab lill-Qorti sabiex ma tiskartahiex. Fil-fatt fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża tagħmel referenza għall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar il-21 ta' Novembru 2013 sabiex issosnti d-difiża tagħha illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet intiża biss għall-użu personali tiegħu.

Fid-dawl tas-suespost, għalhekk il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat dakinhar tas-sejba tar-raża tal-*cannabis* ġewwa ċ-ċella okkupata minnu. F'din l-istqarrija, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara illi kif ingħad irrifjuta li jottjeni parir legali qabel l-istess stqarrija, l-imputat jgħid illi ġewwa l-ħabs huwa kien qed jokkupa ċ-ċella 205, f'diviżjoni 5 waħdu u illi kien ilu fiha xi ġimgħa u nofs. Jgħid ukoll illi kien ilu l-ħabs għal dawk l-aħħar tliet ġimgħat. Mistoqsi dwar il-biċċiet kannella li nstabu fil-pakkett tal-*Maltesers* fiċ-ċella tiegħu dakinhar stess, huwa jgħid illi dawn huma biċċiet ta' *smoke* ossia raża tal-*cannabis* u li kien bi ħsiebu jpejjiphom hu għax huwa kien ilu jpejjep l-i*smoke* minn meta kellu ħmistax-il sena. Jgħid illi din kienet ilha għandu xi disat ijiem u illi kien xtraha mill-ħabs billi partatha ma' tmien boroż tabakk. Jgħid ukoll illi kien partatha ma' priġunier u illi tagħha kien jagħtih żewġ boroż fil-ġimgħa. Jgħid in oltre illi kien ser ipejjipha ftit kuljum u li sa dakinhar stess, filgħodu, kien pejjep minnha fiċ-ċella u li daħlu l-uffiċjali fuqu u xammewha, kif ukoll illi ħdejh kien hemm priġunier ieħor, Stephen Abdilla, li sussegwentement tqiegħed f'diviżjoni 6. Jgħid illi ma jafx jekk dan kienx qed ipejjep il-ħaxixa u meta ġie ssuġġerit lilu illi kien hu li ta lil Abdilla l-ħaxixa li dan kien qed ipejjep, huwa jiċħad illi kien għamel dan. Jgħid illi normalment huma kienu jpejjpu sigaretti tal-brim. Mistoqsi kienx jaf jekk kellux sigarett imqabbad f'ħalqu qabel daħal fiċ-ċella tiegħu, jew jekk qabbadx il-ħaxixa fiċ-ċella tiegħu, l-imputat jgħid illi ma kienx jaf, li Abdilla kien qed jieħu kafe` għandu u mistoqsi jekk Abdilla kienx bela' l-ħaxixa f'ħalqu kif daħlu fuqhom, huwa jgħid illi ma tax każ għax huwa kien ħdejn il-bieb taċ-ċella. Mistoqsi kemm kien ilu jpejjep ħaxixa ġewwa l-ħabs, huwa jgħid illi minn meta daħal tliet ġimgħat qabel, huwa xtara r-raża tal-*cannabis* wara xi erbat ijiem u pejjep kuljum. B'referenza għar-raża li nstabet fil-pussess tiegħu, huwa jgħid illi din kien fiha naqra inqas minn *lighter* tas-sigaretti, qattagħha biċċiet u għamilha fil-pakkett tal-*Maltesers.* Jgħid in oltre illi minn meta kellu ħmistax-il sena pejjep il-ħaxixa kuljum. Mistoqsi jekk ġieli tax ħaxixa lil xi ħadd ġewwa l-ħabs, huwa jgħid illi dik li sabulu kienet għalih u illi "*dik jien inpejjipha f'jumejn jew gurnata ghax jien ma npejjipx sigaretti inpejjep lilha*", illi huwa kellu ħafna ħabs, li kien għadu kif weħel tnax-il sena priġunerija u ried jinsa għax moħħu baqa' jaħseb. L-imputat għażel li jiffirma din l-istqarrija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirriżulta għalhekk illi fil-każ odjern l-imputat mhuwiex jikkontesta l-fatt illi huwa nstab fil-pussess tar-raża tal-*cannabis* dakinhar tal-21 ta' Novembru 2013 waqt li kien fiċ-ċella tiegħu ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, iżda jsosnti illi din id-droga kienet intiża biss għall-użu personali tiegħu. Dan ifisser illi dak li qed jikkontesta l-imputat huwa l-aggravanti tal-pussess ossia illi din id-droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li din ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu, fit-termini tal-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tiegħu.

Kif ingħad iżjed 'il fuq, id-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet tikkonsisti f'ħames biċċiet tar-raża tal-*cannabis*, f'piż rispettiv ta' 1.68 grammi, 2.80 grammi, 1.86 grammi, 4.33 grammi u 1.22 grammi, b'kollox għalhekk f'total ta' 11.89 grammi, b'purita` ta' 7% illi, skont ix-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut, kienet waħda normali.

Fit-trattazzjoni finali tagħha, il-Prosekuzzjoni ssostni illi l-ammont ta' raża misjub fil-pussess tal-imputat huwa indikattiv ta' spaċċ u illi għalhekk tali droga ma kinitx intiża biss għall-użu personali tal-istess imputat.

Dwar dak li għandu jirriżulta ppruvat sabiex tista' tinstab ħtija dwar ir-reat ta' pussess aggravat ta' droga, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."

U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**:

> "meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**:

> "kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

> " … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."

U kif ingħad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tingħata raġuni għall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx ġie ippruvat.

F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll il-prinċipji enunċjati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri** tas-27 ta' April 2017, fejn il-Qorti qalet hekk:

> "Issa l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni skorretta tal-principju legali tal-pussess aggravat tad-droga billi biex jissussisti dan ir-reat, fil-fehma tieghu, hemm il-htiega li l-ewwel u qabel kollox tigi ippruvata l-intenzjoni ta' l-ispacc u cioe' illi l-pussess tal-awtur tar-reat irid ikun wiehed intiz ghall-ispacc. Dan ma jirrizultax, jikkontendi, mill-atti probatorji.

Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq **"possession with intent to supply"**, bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta' l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia …

Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.

"*Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

> • *Money found on the defendant was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*
> • *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*
> • *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.*"[12]
>
> Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:
>
> "Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article **<u>may be inferred from objective factual circumstances</u>**."
>
> Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita…".

Fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi l-ammont ta' raża misjub fil-pussess tal-imputat f'piż ta' 11.89 grammi mhuwiex ammont li wieħed normalment jassoċjah ma' użu personali ta' droga, u dan qed jingħad <u>b'mod partikolari</u> tenut kont illi tali droga nstabet fil-konfini tal-ħabs, fejn allura solitament id-droga li tinstab tkun f'ammonti ferm iżgħar u dan għal raġunijiet ovvji.

Dwar din is-sejba, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jgħid illi huwa kien akkwista din id-droga ġewwa l-ħabs billi partatha ma' xi boroż tat-tabakk u illi din kienet intiża fl-intier tagħha għall-użu personali tiegħu, stante illi huwa kien ipejjep il-*cannabis* f'ammonti sostanzjali u ta' kuljum, sa minn meta kellu ħmistax-il sena. Jgħid ukoll illi huwa kien ipejjep biss il-*cannabis* u mhux sigaretti normali u li kien

---

[12] Hawnhekk il-Qorti għamlet referenza għal www.cps.gov.uk

bi ħsiebu jpejjep minnha ftit kuljum. Fejn b'referenza għar-raża misjuba fil-pussess tiegħu, huwa jgħid illi jpejjipha f'jumejn jew f'jum, il-Qorti tqis illi tenut kont tal-fatt illi l-huwa stess jgħid ukoll illi kien ilu li akkwista din ir-raża madwar disat ijiem qabel, isegwi illi ma kienx ser ipejjep dak li nstab fil-pussess tiegħu f'jum jew jumejn, iżda l-Qorti qed tifhem illi hawnhekk l-imputat iżjed kien qed jirreferi għal dak li kien kapaċi jpejjep biex juri li huwa kien ipejjep ammonti sostanzjali ta' *cannabis*. In oltre mill-fatt illi skont ix-xhieda tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta wkoll illi *joint* solitament ikun fih 0.2 gramma *cannabis*, dan ifisser illi mill-ammont misjub fil-pussess tiegħu, l-imputat seta' joħroġ madwar sittin *joint*, li żgur ma kienx ser ipejjiphom f'jum jew f'jumejn, anke tenut kont tar-restrizzjonijiet tal-post fejn kien jinsab konfinat. Mill-banda l-oħra madankollu, m'hemm xejn fl-atti illi jikkontradiċi dak li jgħid l-istess imputat fl-istqarrija tiegħu u dan fis-sens illi huwa kien jagħmel użu konsiderevoli mir-raża tal-*cannabis* u illi kien ilu jagħmel użu minn din id-droga minn meta kellu ħmistax-il sena. Hawnhekk irid jingħad ukoll illi l-imputat jgħid illi kellu ħafna fuq moħħu, stante li kien għadu kif ingħata piena karċerarja twila – fatt li jirriżulta wkoll mill-vera kopja tas-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Marco Pace', liema sentenza ngħatat proprju tlett ijiem qabel huwa nstab fil-pussess ta' din ir-raża u illi permezz tagħha huwa ġie kkundannat għall-piena ta' tnax-il sena priġunerija.[13] Fir-rigward il-Qorti qed tqis ukoll illi minkejja li r-raża nstabet maqsuma f'ħames biċċiet – u l-imputat jammetti li kien hu stess li qasamha b'dan il-mod – kien hemm diskrepanza fil-mod ta' kif dawn il-biċċiet kienu maqsumin.

Għalhekk, suspettuż kemm jista' jkun suspettuż l-ammont u l-fatt li din id-droga kienet maqsuma, fin-nuqqas ta' ċirkostanzi oħra li jistgħu jwassluha sabiex tikkonkludi xort'oħra, il-Qorti qed tqis illi fid-dawl tal-provi prodotti, ma tistax tasal għal sejbien ta' ħtija fl-imputat, fil-grad rikjest mil-liġi, dwar il-pussess aggravat tar-raża tal-*cannabis*. Irid jingħad ukoll illi għalkemm waqt l-interrogatorju tal-imputat, l-Ispettur Zammit staqsa lill-imputat dwar dak li nstab fil-pussess ta' Stephen Abdilla waqt li dan tal-aħħar kien fiċ-ċella flimkien mal-imputat, ma nġabet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward.

Għaldaqstant, l-imputat qed jinstab ħati biss tal-pussess 'sempliċi' ta' din id-droga u dan kemm b'referenza għall-jum tal-21 ta' Novembru 2013, kif ukoll fuq ammissjoni tiegħu stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu, b'referenza għall-ġimgħat ta' qabel din id-data.

---

[13] Ara s-sentenza esebita a fol. 118 *et seq* tal-proċess.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-imputat jinsab akkużat ukoll talli huwa reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet tliet sentenzi:

i. Vera kopja ta' sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Marco Pace' tal-21 ta' Lulju 2004, mil-liema sentenza ma jirriżultawx il-konnotati tal-akkużat f'dak il-każ.[14] Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ġabitx il-prova tal-identita` tal-istess akkużat u għaldaqstant, ma jirriżultax ippruvat illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern.

ii. Vera kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Marco Pace' tas-16 ta' Settembru 2009, mil-liema wkoll ma jirriżultawx il-konnotati tal-imputat f'dak il-każ.[15] Lanqas f'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni ma ġabet il-prova tal-identita` tal-istess imputat u għaldaqstant, ma jirriżultax ippruvat illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela** tal-10 ta' Settembru 2004:

> "Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."

iii. Vera kopja ta' sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta kontra Marco Pace' tat-18 ta' Novembru 2013, mil-liema jirriżulta

---

[14] Ara Dok. DT, a fol. 91 *et seq* tal-proċess.
[15] Ara a fol. 98 *et seq* tal-proċess.

illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-akkużat f'dak il-każ huwa identiku għal dak tal-imputat odjern u għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi l-akkużat f'dak il-każ kien proprju l-imputat tal-lum. Biss tenut kont tal-fatt illi din is-sentenza ngħatat biss tlett ijiem qabel id-data mertu tal-każ odjern, meta allura kien għadu għaddej it-terminu li fih l-imputat seta' jappella minn din is-sentenza, żgur illi ma jistax jingħad illi dakinhar tar-reat kommess minnu ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, dik is-sentenza kienet għaddiet in ġudikat.

Għaldaqstant, l-addebitu tar-reċidiva ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali ferm refrattarja tal-imputat, kif aġġornata sas-sena 2019, li fiha xejn inqas minn ħamsa u tletin paġna u illi minnha jirriżulta *inter alia* illi l-imputat ġie kkundannat għall-piena ta' priġunerija effettiva disa' darbiet.

Qed tqis ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura tar-reat li tiegħu qed jinstab ħati l-imputat, l-ammont ta' raża tal-*cannabis* misjub fil-pussess tiegħu u li din instabet fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin ossia post intiż għar-riforma u r-rijabilitazzjoni tal-abitanti tiegħu. In oltre tqis ukoll illi fit-termini tal-Artikolu 13(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, id-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu ma japplikawx fil-każ odjern.

Tqis ukoll illi stante li fiż-żmien mertu tal-każ, l-imputat kien jinsab detenut ġewwa l-ħabs, għandhom japplikaw fir-rigward tal-piena d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, u illi għalhekk, kuntrarjament għal dak li ssostni d-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha, il-Qorti ma tistax tapplika piena pekunjarja. Dan qed jingħad għaliex fit-termini tal-Artikolu 33A(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena għal reat kommess minn persuna waqt li tkun priġunier, għandha tiżdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll il-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikawx.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Mark Pace** mhux ħati tal-imputazzjoni (a) kif dedotta fil-konfront tiegħu, kif ukoll tal-addebitu

tar-reċidiva u qed tilliberah minnhom, b'dan illi qed issibu ħati tar-reat ta' pussess tar-raża tal-*cannabis* kompriż u involut fir-reat mertu tal-imputazzjoni (a) u tikkundannah għall-piena ta' **għaxar (10) xhur priġunerija effettiva**.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fil-mori tal-proċess verbal tal-inkjesta u ċioe` l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti għas-somma ta' mitejn u tlettax-il ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€213.99), l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PC 650 Justin Tabone ammontanti għas-somma ta' disgħa u tletin ewro, erbgħa u sittin ċenteżmu (€39.64), u l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 36 Sergio Azzopardi ammontanti għas-somma ta' erbgħa u ħamsin ewro, disgħa u sittin ċenteżmu (€54.69), b'kollox ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' tliet mija u tmien ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€308.32), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat